**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 30 ta' Mejju 2016**

Numru 12

**Fl-atti tar-Rikors Nru. 44/2016**

**Trevor Bonnici**
**vs**

**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Trevor Bonnici tad-9 ta' Mejju 2015 li ai termini tal-artikolu 4, Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta talab l-iskarcerazzjoni tieghu jew fin-nuqqas il-helsien mid-detenzjoni tieghu pendenti l-proceduri kostituzzjonali quddiem din l-istess Qorti kif preseduta;

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li oppona ghal din it-talba;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

It-talba tar-rikorrenti hi intiza sabiex ma tigix esegwita sentenza tal-Qorti tal-Magirstrti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Frar 2015 konfermata

mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Dicembru 2015. Din is-sentenza illum ghaddiet in gudikat u bdiet tigi ezegwita pero kontra dan il-gudikat ir-rikorrenti istitwixxa proceduri kostituzzjonali rigward allegazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet tal-bniedem. Dawn huma l-fatti li jezistu sallum.

Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Stephen Pirotta vs Avukat Generali et** fuq rikors simili (13/2016 deciz fid-19 ta' April 2016):

> Illi l-mizuri provvizorji huma mahsuba biex izommu milli ssir hsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorita' u l-effikacja tas-sentenza li tinghata dwar l-istess ilment[1]. F'dan ir-rigward, biex jista' jinghata rimedju provvizorju, jehtieġ li min jitolbu juri li hemm kaz prima facie ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-ghoti tal-mizura provvizorja sejra ggib hsara li ma titreggax lura fil-kaz tieghu[2]. Ghalhekk, mhuwiex bizzejjed li wiehed joqghod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix certa li ssehh. Minhabba f'hekk, l-ghoti ta' provvediment provizorju f'kawza ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew cirkostanzi eccezzjonali li jaghmluh mehtieg[3];
>
> Illi huwa stabbilit ukoll li biex jinhalqu c-cirkostanzi halli jinghata rimedju provvizorju, jehtieg jintwera wkoll minn min jitolbu li hemm hsara imminenti li titlob it-tehid ta' provvediment bhal dak[4]

F'dak il-kaz il-Qorti qieset ukoll:

> ladarba hemm sentenza li saret gudikat, din ghandha l-effett li tistabilixxi fatt accertat ghaliex ir-regola f'kull ordinament li jissejjes fuq is-saltna tad-dritt hi li sentenza "pro veritate habetur". Tqis ukoll li sentenza tista' titwaqqa' biss b'sentenza ohra u mhux b'allegazzjoni dwar is-siwi taghha, u sakemm ma tinghatax sentenza bhal dik, is-sentenza tibqa' tghodd;

L-istess insenjament qed jigi ribadit minn din il-Qorti peress li ma ngiebet ebda prova jew cirkostanzi daqshekk gravi jew eccezzjonali fejn tqis necessarju anzi impellenti li din il-Qorti tordna l-iskarcerazzjoni tar-rikorrenti pendenti l-proceduri kostituzzjonali. It-talba tar-rikorrenti fir-rikors promotur hi bazata fuq allegazzjonijiet ta' tehid ta' stqarrija kontra l-ligi u b'nuqqas ta' harsien tad-dritt ta' smigh xieraq li waslet ghal kundanna eventwali tieghu. Apparti li dawn ic-cirkostanzi ghad iridu jigu pruvati fil-mertu ma ngiebet ebda prova ta' gravita

[1] Q.E.D.B. 06/02/2003 fil-kawza fl-ismijiet ***Mamatkulov et vs Turkija*** (Applik Nru 46837/99) § 110

[2] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *Theory & Practice of the European Convention on Human Rights* (4th Edit 2006) § 2.2.8.3, p 113

[3] Deg PA (Kost) AE 16/04/2014 fil-kawza fl-ismijiet ***Daniel Alexander Holmes vs Avukat Generali et***

[4] Kost 25/09/2014 fil-kawza fl-ismijiet ***Federation of Estate Agents vs Direttur Generali (Kompetizzjoni) et***

jew serjeta tali ta' hsara imminent li din il-Qorti ghandha taghti r-rimedju provizorju mitlub u ghalhekk qed tichad it-talba.

Spejjez ghar-rikorrenti.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur